**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Anton Azzopardi *et noe*

*versus*

Lawrence Ciantar *noe et*

## Indebitu - Hlas Lura ta' - *Indebiti Solutio* - Żball *di Fatto* - Żball *di Diritto*

*L-attur talab lill-Qorti tikkundanna l-konvenut jirrifondi flus imhallsa indebitament.*

*Il-Qorti ta' l-Appell identifikat l-azzjoni bhala wahda ta' hlas lura ta' indebitu, u ċċitat b'approvazzjoni l-insenjament illi "il-liġi taghti l-azzjoni ghar-radd tal-hlas mhux misthoqq mhux biss meta kull ma thallas ma kienx misthoqq, iżda ukoll meta ghalkemm xi hlas ikun misthoqq, ikun thallas iżżejjed milli kien misthoqq, u jekk jiġri hekk, min thallas jista' jfittex ghar-radd taż-żejjed imhallas. Biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista' jintalab bil-jedd, jehtieġ li dak il-hlas ikun sar bi żball u dan l-iżball kien* di fatto. *L-iżball* di diritto *ma jservix biex jintalab bil-jedd dak imradd".*

*Il-Qorti ta' l-Appell iffurmat il-konvinċiment illi l-iżball* di fatto *ma kienx jirriżulta. Inoltre, fil-konfront tal-Korporazzjoni konvenuta l-azzjoni ta'* indebiti solutio *hija aktar manifestament insostenibbli ghaliex l-azzjoni ghar-ripetizzjoni hija eżerċitabbli biss kontra min effettivament irċieva l-hlas mhux misthoqq. Kien paċifiku li l-Korporazzjoni konvenuta f'dan il-każ ma rċeviet xejn aktar minn dak li kien, skond il-ftehim taht eżami, lilha dovut.*

*Ġiet ghalhekk ikkonfermata s-sentenza appellata li ċahdet it-talbiet attriċi.*

Il-Qorti:-

L-atturi *nomine* pproċedew quddiem il-Qorti tal-maġistrati (Ghawdex) Superjuri Kummerċjali, kontra l-Korporazzjoni

EneMalta u Salvu Zammi b'dan l-att taċ-ċitazzjoni għar-rifużjoni ta' ammont minnhom allegatament imħallas indebitament:

"L-atturi, wara li ppremettew illi huma l-proprjetarji tad-ditta magħrufa bħala Pardi Motors Limited li fost ħwejjeġ oħra, tiġġestixxi Service Station, preċedentement ġestita mill-attur Ludovico Azzopardi personalment;

U illi l-attur *nomine* jixtru l-*petrol* u *diesel* mingħand il-*konvenut* Salvu *Zammit, li huwa l-aġent għal Għawdex tal*-Korporazzjoni konvenuta;

U illi l-atturi reċentement saru jafu illi għal diversi snin il-*petrol* u d-*diesel* kien qed jinbiegħ lilhom bi prezzjonijiet ogħla minn dawk iffissati u miftehma skond il-liġi, li bdew japplikaw *fl-ewwel ta' Jannar ta' l-elf disa' mija u tnejn u tmenin* (1.1.1982) kif jiġi dettaljatament ippruvat matul il-kawża;

U illi konsegwentement, l-atturi *nomine*, ħallsu ammont ta' flus indebitament, liema flus il-konvenuti qed jirrifjutaw li jirrifondu, minkejja diversi interpellazzjonijiet;

Talbu li din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi illi l-prezz imħallas mill-atturi lill-konvenuti, għall-*petrol* u *diesel* mixtri mingħandhom mill-ewwel ta' Jannar ta' l-elf disa' mija u tnejn u tmenin huwa in eċċess għal dak dovut;

Tillikwida l-ammont imħallas lill-konvenuti ndebitament;

Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, sabiex

iħallsu lill-atturi *nomine*, is-somma hekk likwidata";

Il-Korporazzjoni Enemalta hekk eċċepiet għat-talbiet attriċi:

"Illi fil-konfront ta' l-eċċipjenti d-domandi attriċi huwa żgur infondati fid-dritt u fil-fatt għaliex il-Korporazzjoni EneMalta, minnu rrappreżentata, la għandha u lanqas kellha rapport ġuridiku mal-kumpannija attriċi u għalhekk mihijiex il-leġittima kontradittriċi f'din il-kawża;

Għalhekk l-eċċipjenti għandu jiġi lliberat *ab observantia* bl-ispejjeż kontra l-atturi *nomine*";

Il-konvenut Salvu Zammit min-naħa tiegħu hekk eċċepixxa:

"Illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla in kwantu ma fihiex imfissra ċar u fil-qosor ir-raġunijiet tat-talba ta' l-atturi *nomine* skond kif dispost fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u dan għaliex l-atturi naqsu illi jgħidu kemm hu l-prezz illi bih kien qed jinbiegħ lilhom il-*petrol* u *diesel* u b'hekk huma qegħdin jippretendu illi dawn l-istess prodotti kellhom jinbiegħu lilhom u lanqas spjegaw fuq kemm-il litru huma qegħdin jippretendu r-rifużjoni;

Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-dritt u fil-fatt fil-konfront ta' l-esponenti għaliex l-esponenti qatt ma daħħal xi profitt indebitu mit-transazzjonijiet illi għamel ma' l-atturi, iżda biss daħħal l-ispejjeż inkorsi minnu fil-kors tad-distribuzzjoni ta' *petrol* u *diesel* lill-atturi;

Illi fl-aħħarnett it-talbiet attriċi huma preskritti *ai termini* ta' l-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili";

Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) b'sentenza tat-18 ta' Marzu, 1994, iddeċidiet il-kawża billi sabet li l-atturi *nomine* ma wasslux għall-prova li tħallas xi indebitu u ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi *nomine*;

L-Ewwel Qorti hekk ikkonstatat il-fatti kif ippruvati li minnhom iddeterminat x'kienu r-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-partijiet in kawża, u ċjoè, l-atturi *nomine* bħala sidien tal-pompa li minnha jinbiegħ il-*fuel* lill-konsumatur, il-konvenut Zammit, id-distributur li wassal il-*fuel* mingħand l-EneMalta lis-soċjetà attriċi u l-Korporazzjoni EneMalta li fl-ewwel lok forniet il-*fuel* lid-distributur:

"Huwa opportun illi qabel ma jiġu eżaminati l-kwistjonijiet legali involuti f'din il-kawża, jiġu ddeterminati r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti u jiġu stabbiliti x'inhuma n-negozji li jmexxu ma' xulxin u x'akkordi huma veljanti bejniethom;

Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-korporazzjoni konvenuta, l-EneMalta, hija l-importatriċi f'dawn il-Gżejjer tal-*petrol* u *diesel* u tikkontrolla d-distribuzzjoni ta' dawn iż-żjut u l-qassim tagħhom fost il-pompi biex jistgħu jaslu għand il-konsumatur. Fil-Gżira ta' Malta l-istess Korporazzjoni tieħu ħsieb id-distribuzzjoni sa għand il-pompi hija stess u tutilizza l-vetturi, ossia *bowsers* tagħha stess għall-fini tat-trasport; iżda fil-Gżira ta' Għawdex, almenu sa l-1987, is-sena rilevanti għal din il-kawża, l-EneMalta kienet tħalli t-trasport u distribuzzjoni f'idejn kuntratturi privati li jiġbru ż-żjut mit-tankijiet ta' l-EneMalta, jittrasportawh f'Għawdex bil-*bowsers* tagħhom u *jqassmuh lill-pompi liċenzjati għall-bejgħ ta' l-istess żjut mill-*

EneMalta;

Il-pompi, li minnhom jixtri l-konsumatur, kif ukoll it-tankijiet ta' l-istess pompi, huma proprjetà ta' l-EneMalta iżda l-proprjetarju tas-*service station* ikun illeċenzjat li juża l-istess pompi u li jbiegħ minnhom;

L-EneMalta ukoll tikkontrolla l-prezzijiet, kemm taż-żjut li hija tforni kif ukoll ta' dak li jinbiegħ lill-konsumatur bid-differenza li tirrappreżenta l-qligħ ta' min iħaddem il-pompi u, fil-każ ta' Għawdex, tat-trasportatur u distributur;

L-atturi *nomine* huma sidien ta' *service station* fornita bil-pompi waqt li l-konvenut, Salvu Zammit, huwa trasportatur u distributur tal-*petrol* u *diesel* għal Għawdex;

Għalkemm l-EneMalta tibqa' dejjem f'relazzjoni diretta ma' min imexxi l-pompi tagħha f'Għawdex ma jirriżultax li jgħaddu flus bejniethom billi d-distributur biss jiġbor il-flus mingħand tal-pompi li lilhom ikun qassam u huwa jħallas direttament lill-EneMalta ta' dak li jittrasporta lejn Għawdex mingħajr ma l-EneMalta jinteressaha lil min ikun qassam, kemm ikun qassam u jekk tħallasx";

Minn dan il-kwadru ta' relazzjonijiet ġuridiċi l-Ewwel Qorti hekk ikkunsirat il-meritu biex wasslet biex tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine*;

"Għaldaqstant sabiex tista' tirnexxi l-azzjoni fil-konfront ta' l-EneMalta l-atturi riedu jippruvaw li l-indebitu allegatament imħallas lid-distributur ibbenifika lill-EneMalta jew li d-distributur esiġa ħlas ta' indebitu bħala aġent u fuq l-istruzzjonijiet ta' l-EneMalta;

Ebda waħda minn dawn l-ipotesi ma tirriżulta u għalhekk it-talba attriċi fil-konfront tal-Korporazzjoni konvenuta, EneMalta, ma tistax tirnexxi u qed tiġi miċħuda;

Sabiex tirnexxi l-azzjoni fil-konfront tad-distributur, l-atturi jridu jippruvaw il-ħlas ta' flus lid-distributur Zammit u jippruvaw l-indebitu billi jindikaw kuntratt jew xi provvediment tal-liġi a bażi ta' liema ma kellhomx ikunu kostretti jħallsu prezz minflok ieħor u permezz ta' liema l-prezz li seta' jesiġi d-distributur kien iffissat f'ammont inqas milli tħallas;

L-atturi għalhekk ippreżentaw kontijiet dettaljati (dok. AA a fol. 75) li juru l-ħlasijiet li għamlu lill-konvenut Zammit matul il-perijodu rilevanti u fejn indikaw eżattament l-ammont indebitu li jallegaw li ħallsu ma' kull pagament. Dawn l-indebiti nġabru f'totali għal kull sena fil-kont a fol. 74 u minn fejn jirriżulta li l-ammont totali għall-perijodu kollu rilevanti, ċjoè mill-1982 sa l-1987 huw ta' Lm7873.995;

Min-naħa tiegħu l-konvenut Zammit ma jikkontestax il-kontijiet ta' l-atturi, anzi jaqbel li rċeva l-pagamenti kollha ddikjarati mill-atturi u jaqbel ukoll mar-rata li applika għall-konsenja tad-*diesel* u tal-*petrol* lill-atturi. Il-kontestazzjoni tirrigwarda biss jekk id-distributur setax jesiġi ħlas bir-rata ta' *erbatax-il ċenteżmu u tmienja punt erbgħa wieħed sitt milleżmi* (Lm0.14,8.416) għal kull litru *diesel* u ta' erbgħa u għoxrin ċenteżmi u sebgħa punt erbgħa wieħed sitta milleżmi (Lm0.24,7.416) għal kull litru *petrol* (kif jaqbel li għamel il-konvenut). L-atturi jsostnu li r-rati li kellhom jiġu applikati huma dawk li l-EneMalta kienet titħallas mingħand is-*selling stations* f'Malta, li kienet tforni hija stess, ċjoè r-rata ta' 14c702 għad-*diesel* u 24c6 għall-*petrol*, differenza ta' milleżmu punt erbgħa (0c1.4) fuq kull litru);

L-atturi *nomine* jsostnu li r-rati kienu ġew definittivament iffissati bil-ftehim ta' l-10 ta' Jannar, 1983, esebit a fol. 72 tal-proċess, fejn il-kontendenti kienu lkoll rappreżentanti, l-atturi *mill-president tas-Sidien tal-Pompi u l-konvenut Zammit mill-*president tal-GRTU waqt li *ċ-Chairman* ta' l-EneMalta deher għall-Korporazzjoni;

Dan il-ftehim però ma jagħmel ebda referenza għad-distributuri li l-EneMalta tinkariga biex iwasslu l-*fuel* f'Għawdex *u jillimita ruħu biex jipprovdi li* "il-prezz ta' *petrol* u *diesel* imwassal lis-sidien tal-pompi f'Malta u Għawdex ikun kif ġej:

"Malta 24c6 kull litru *petrol*;

14c702 kull litru *diesel*;

Ghawdex 24c4 kull litru *petrol*;

14c642 kull litru *diesel*";

Billi r-rati stabbiliti għal Għawdex huma, evidentement, ir-rati li kellu jħallas id-distributur u definittivament mhux ir-rati li kellu jħallas effettivament is-sid tal-pompa, jidher li l-ftehim ma ħax in konsiderazzjoni dettaljata l-każ partikolari ta' Għawdex u ma għamel ebda distinzjoni bejn id-distributur u s-sid tal-pompa u l-ftehim illimita ruħu biss biex jistabbilixxi r-rata tal-*fuel* kif jitlaq mill-pussess ta' l-EneMalta;

*Il-ftehim definittivament ma jistabbilixxix* kemm għandu jkun il-qligħ rispettiv tad-distributur u ta' sid il-pompa għas-servizzi li jkunu qed jagħtu. Ovvjament, prezz għall-konsumatur ikun ġie stabbilit mill-Korporazzjoni fid-diskrezzjoni tagħha u

meta dan kie ġie ffissat fir-rati rispettivi ta' 25c3/lit u 15c4/lit id-differenza rispettiva ta' 9m/lit u 7.58m/lit kellha tinqasam bejn id-distributur u s-sid tal-pompa bi ftehim bejniethom;

Dan ġie kkonfermat minn Godfrey Scicluna, *accountant* ma' l-EneMalta li deher in rappreżentanza taċ-*Chairman*. Fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 1992, dan xehed hekk:

"Il-prezzijiet indikati (fid-dok. CS1 a fol. 70) huma *per litre* u jirrigwardaw il-prezzjonijiet illi aħna konna niċċarġjaw lill-kuntratturi t'Għawdex; il-prezzijiet illi konna niċċarġjaw aħna lis-*selling stations* f'Malta u l-prezzijiet li kellhom jiċċarġjaw il-*petrol stations* lill-konsumaturi;

Ir-relazzjoni tagħna tkun mal-kuntratturi t'Għawdex u ma nistax ngħid xi prezzijiet kienu qegħdin jiċċarġjaw il-kuntratturi lill-*petrol stations* f'Għawdex";

Il-kuntratt ta' l-10 ta' Jannar, 1983, għalhekk jikkonċerna l-prezz għas-*selling stations* f'Malta biss u l-prezz għad-distributuri ta' Għawdex iżda ma jipprovdix għal kemm id-distributur għandu jiġbor mingħand sid il-pompa f'Għawdex;

Dan ġie ulterjorment ikkonfermat minn Tarcisio Mifusd, il-*finance manager* ta' l-EneMalta, meta ddikjara "illi meta joħroġ (*il-fuel*) 'il barra mill-pompi ta' l-EneMalta dan ma jibqax proprjetà ta' l-EneMalta" u dan jimplika li għalhekk meta d-distributuri jkunu xtraw il-*fuel* dan ikun sar tagħhom u jsegwi li għalhekk il-prezz lill-pompi kien determinabbli mill-istess distributuri fin-nuqqas ta' xi ftehim espress ċar jew leġislazzjoni li tiddetermina l-marġini ta' qligħ għall-pompi f'Għawdex;

Il-maġġor parti tal-provi prodotti mill-konvenut Zammit

jirigwardaw ġustifikazzjoni tar-rata minnu mposta *li fil-fatt* tirriżulta stabbilita kemm mill-konvenut tal-korrispondenza kif ukoll mill-fatt li fl-aħħar, l-EneMalta, assumiet fuqha d-differenza ta' 1.4 milleżmi. Din kienet fil-fatt is-soluzzjoni ġusta u l-EneMalta ma setgħetx tħalli diskriminazzjoni fil-konfront tas-sidien tal-pompi ta' Għawdex jew fil-konfront tad-distributur; iżda għas-snin rilevanti l-EneMalta ma tistax legalment tiġi kostretta tirrifondi xi somma billi, *matul dawk is*-snin, rċeviet eżattament dak li d-distributuri u s-sidien tal-pompi, fosthom il-kumpannija attriċi u l-konvenut Zammit, ftehmu li jħallsu";

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi *nomine u dana fil*-konfront taż-żewġ konvenuti, tant li talbu li s-sentenza tiġi rrevokata u t-talbiet tagħhom milqugħa, fil-konfront tal-konvenuti jew min minnhom. Hu meħtieġ allura qabel xejn li jiġi sewwa identifikat x'inhi n-natura ta' l-azzjoni tentata mis-soċjetà attriċi u jekk din setgħetx treġi kemm kontra l-konvenut Zammit, kif ukoll kontra l-Korporazzjoni EneMalta. In-natura ta' l-azzjoni jeħtieġ li toħroġ ċar mill-premessa *tat-talbiet attriċi* u t-talbet infushom kif redatti fl-att taċ-ċitazzjoni;

Huma dawn it-termini li jarġinaw il-parametri ta' l-azzjoni u hu entro dawn il-parametri li din il-Qorti għandha tillimita u tikkontjeni l-konsiderazzjonijiet tagħha. L-att ta' *ċitazzjoni hu* f'dawn it-termini:

L-atturi jippremettu li huma jixtru l-*petrol* u d-*diesel* mingħand Salvu Zammit li huwa l-aġent għal Għawdex tal-Korporazzjoni konvenuta;

Li huma kienu saru jafu riċentement illi għal diversi snin dan il-*fuel* kien qed jinbiegħ lilhom bi prezzijiet ogħla *minn* dawk iffissati u miftehma skond il-liġi;

Li l-atturi konsegwentement hallsu ammont ta' flus indebitament, liema flus il-konvenuti qed jirrifjutaw li jirrifondu;

It-talba prinċipali hi għal dikjarazzjoni li l-prezz imħallas mis-soċjetà attriċi għall-*fuel* mixtri huwa in eċċess għal dak dovut. Konsegwentement huma talbu li l-Qorti tiddikjara li l-ammont eċċess kien imħallas "lill-konvenuti indebitament" u l-kundanna tal-konvenuti, jew min minnhom, għar-radd lura tas-somma li hekk ġiet indebitament imħallsa;

L-azzjoni kif proposta hi bbażata ndubbjament fuq il-*kawżali ta' l-indebitu - in kwantu l-atturi nomine qegħdin* jippretendu illi l-konvenuti nkassaw indebitament flus li ma kellhomx jitħallsu lilhom. "Il-liġi tagħti l-azzjoni għar-radd tal-ħlas mhux mistħoqq mhux biss meta kull ma tħallas ma kienx mistħoqq, iżda ukoll meta għalkemm xi ħlas ikun mistħoqq, ikun tħallas iżżejjed milli kien mistħoqq, u jekk jiġri hekk min tħallas jista' jfittex għar-radd taż-żejjed imħallas. Biex ir-radd tal-ħlas mhux mistħoqq jista' jintalab bil-jed, jeħtieġ li dak il-ħlas ikun sar bi żball u dan l-iżball kien *di fatto*. L-iżball *di diritto* ma jservix biex jintalab bil-jedd dak imradd";

Dan l-element ta' l-iżball hu essenzjali biex l-azzjoni tiġi tentata b'suċċess. "*Per farsi luogo alla ripetizione dell'indebito è indispensabile l-errore di chi pago*" (Vol. IX paġna 415). "*L'azione dell'indebito non è ammissibile quanto il pagante nell'atto di pagamento sapeva che l'ammontare pagato non era affetto dovuto*" (Vol. XVIII, pt. III, p. 146). L-element ta' l-iżball f'azzjoni ta' indebitu jeħtieġ li jiġi kompletament u rigorożament ippruvat. Altrimenti l-azzjoni tfalli;

Dan iwasasl għall-konklużjoni illi "*una volta* l-attur dak il-mument stess tan-negozju kien konsapevoli mill-fatt li s-somma

mitluba kienet esaġerata ... u intant, *malgrado* din il-konsapevolezza ried jagħti, u, fil-fatt ta, lill-konvenut is-somma (mitluba), allura ma jistax raġonevolment jintqal li hu ħallas bi żball; anzi kien jaf li ma jmissux ħallas daqshekk u ntant ried iħallas hekk. *Ċirkostanza li tipprekludi l-eżerċizzju ta' l-azzjoni* tar-ripetizzjoni ta' l-indebitu" (Vol. XXIX, pt. II, p. 453);

Issa din il-Qorti tikkunsidra li l-atturi *nomine* jidher li kienu konsapevoli mill-importanza determinanti ta' dan l-element ta' l-iżball *di fatto* essenzjali biex l-azzjoni tagħhom tirnexxi, *tant li* jippremettu, *fl-att taċ-ċitazzjoni, li huma kienu* riċentement saru jafu li l-*petrol* u d-*diesel* kien qed jinbiegħ lilhom għal diversi snin bi prezzijiet ogħla minn dawk iffissati u miftehma skond il-liġi. Dan l-istat ta' fatt li jrid jirriżulta ppruvat kellu jkun ukoll invinċibbli fis-sens li min jallega l-ħlas ta' l-indebitu ma setax bi ftit *diliġenza jinduna bih u jovvja* għalih. *Għaliex altrimenti ma jkunx faċli għalih li jipprova* konvinċement li hu ma kienx jaf li seta' ma jħallasx dak li fil-fatt ħallas;

Issa l-Qorti eżaminat attentament l-atti tal-kawża u mhi xejn konvinta illi dan l-iżball ta' fatt fil-każ taħt eżami jokkorri. Ċertament ma ġiex *sodisfaċentement* ippruvat. Fuq bażi ta' probabilitajiet il-Qorti waslet għall-konvinċiment illi l-atturi *nomine* ma setgħux ma kinux jafu bil-kontenut tal-ftehim ta' l-10 ta' Jannar, 1983, u allura bid-diskrepanza li kienet, skond huma, teżisti bejn il-prezzijiet tal-*fuel* għal Għawdex li jidħru f'dak il-ftehim u l-prezzijiet li kienu qed jiġu, skond huma, indebitament imġiegħla jħallsu. Biżżejjed jingħad li dak il-ftehim ġie ffirmat ukoll mill-President ta' l-assoċjazzjoni tas-sidien tal-pompi tal-*petrol* li tagħhom is-soċjetà attriċi ovvjament kienet membru. Hu inkonċepibbli illi fi trattativi delikati ta' din ix-xorta ta' interess sezzjonali dirett, fejn si tratta ta' negozjati fuq il-marġini ta' profitti min-negozju li jipprovdi l-għixien tal-membri ta' l-għaqda tiegħu, il-President

ma jkunx irrifera direttament mal-membri kollha tas-soċjetà biex jinformahom bid-dettalji kollha tal-ftehim u biex jieħu l-fehma tagħhom dwar kif dan kien ser jolqot l-interessi tagħhom. Din il-Qorti m'għandhiex dubbju li l-atturi *nomine* ma setgħux ma kinux jafu x'kien fih dan il-ftehim li, wara kollox, kien jittratta u jistabbilixxi proprju r-rati tal-prezz tal-*fuel* u b'mod speċifiku għal Malta u Għawdex. Kunsidrat li s-soċjetà attriċi hi s-sid ta' waħda mill-pompi prinċipali fil-gżira ta' Għawdex, hu għal kollox inverosimili li l-president ta' l-għaqda tas-sidien ma jkunx infurmahom bid-dettalji tal-ftehim u ħa l-adeżjoni tagħhom. Sewwa jingħad li wieħed mill-argumenti ewlenin ta' l-atturi *nomine*, in sostenn tat-teżi tagħhom illi ma setgħux jaċċettaw li l-konvenuti Zammit ma kinux jafu bid-dettalji tal-ftehim, jew li tali ftehim ma kienx jippermettilhom li jesiġu ħlasijiet oltre dawk fih indikati, kien proprju li wieħed mill-firmatarji tiegħu kien il-President tal-*General Retailers and Traders' Union* li tagħhom l-istess Zammit kien membru. Allura jsostnu li dan il-konvenut kien jaf jew kien messu jaf bil-kontenut tal-ftehim. Hu ċar li dak li japplika għal dan il-konvenut kellu *mutatis mutandis* japplika ukoll għall-atturi *nomine*. Il-Qorti hi allura sodisfatta li żball *di fatto* f'dan il-każ ma kienx jirriżulta. Mhux eskluż li kien jirriżulta l-iżball *di diritto*, fis-sens li l-atturi *nomine* ma kinux irrealizzaw li l-fatti kif kienu jafuhom huma setgħu jintitolawhom li jirrepetu l-indebitu minnhom imħalas u li saru jafu b'din il-possibbilità wara aċċertamenti u pariri legali. Dan però bl-ebda mod ma jiġġjovahom fil-preżenti istanzi minnhom tentata li teħtieġ bħala kondizzjoni *sine qua non* għas-sostenn tagħha, li jkun jirriżulta ippruvat b'mod konklussiv u konvinċenti, l-iżball *di fatto* ta' min jaġixxi għar-rimbors ta' l-indebitu;

L-azzjoni allura tfalli anke fuq din il-konsiderazzjoni teknika ġuridika li ma ġietx tant enfasizzata quddiem l-Ewwel Qorti imma li din il-Qorti għandha ukoll kif qiegħda, tikkunsidra billi tikkonċerna wieħed mill-elementi kostituttivi

ta' l-azzjoni. Il-premess m'għandux inaqqas il-validità tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata li huma sostanzjalment korretti u li, fil-fehma ta' din il-Qorti, sewwa janalizzaw il-ftehim taħt eżami u l-import tiegħu. Konsiderazzjonijiet li però fid-dawl li dak li ġie fuq deliberat dwar in-nuqqas ta' element bażiku ta' l-azzjoni jitilfu ħafna mir-rilevanza tagħhom għal din il-kawża;

*Hemm ukoll fatt li għandu jiġi enfasizzat u li hu għal kollox injorat mill-appellant waqt li s-sentenza appellata ttih* importanza sekondarja. Dan hu l-fatt li l-*fuel* meta joħroġ 'il barra mill-pompi ta' l-EneMalta u jingħata lid-distributuri ma jibqax proprjetà ta' l-EneMalta. Il-Kontrollur ta' l-EneMalta, *Tarcisio Mifsud, infatti jixhed hekk:*

"Jien qed nibbaża ruħi illi dan mhux proprjetà ta' l-EneMalta peress li fl-1979 meta l-EneMalta ppruvat tgħolli l-prezz tal-*fuel* u anke riedet tgħolli l-prezz tal-*fuel* <u>li kien diġà mibjugħ lid-distributuri</u>, il-Qorti kienet iddeċidiet li l-EneMalta setgħet biss tgħolli l-prezzijiet għal dak il-*fuel* biss li kien għadu fil-pussess ta' l-EneMalta għaliex il-*fuel* diġà kkonsenjat kien *definittivament diġà mibjugħ*";

Dan jissottolinea l-fatt li l-ftehim ta' Jannar, 1983, kjarament redatt b'mod infeliċi, kien jiddetermina l-prezzijiet fir-relazzjonijiet bejn l-EneMalta u d-distributuri. Jidher ukoll mix-xhieda tas-Sur Mifsud illi l-ftehim ma kienx jipprovdi b'mod ċar għar-relazzjonijiet bejn id-distributur u s-sidien tal-pompi tal-*petrol*, ċjoè ma kienx jipprovdi bi preċiżjoni għall-marġini tal-profitt li kellhom jagħmlu d-distributuri bl-ispejjeż minnhom inkorsi biex jittrasportaw il-*fuel* minn Malta għal Għawdex u l-prezz li bih *il-fuel* kellu *jiġi kkonsenjat lis-sidien* tal-pompi;

Din in-nuqqas ta' kjarezza fil-ftehim wasslet għall-preżenti vertenza li kellha tiġi riżolta permezz ta' negozjati kummerċjali kif effettivament ġara xi snin wara. Din il-Qorti ma tarax għaliex ftehim bħal dan ma setax jintlaħaq qabel, jew alternattivament għaliex l-atturi *nomine* u s-sidien l-oħra tal-pompi tal-*petrol* f'Għawdex ma kkontestawx il-ftehim *a tempo debito* mhux billi jittantaw jinforżaw obbligazzjoni kontrattwali li ma tiriżultax li toħroġ mill-*agreement* ta' l-1983, imma b'mezzi oħra validi li ttihom il-liġi. Fosthom dik li jirrifjutaw li jakkwistaw il-*fuel* b'kondizzjonijiet li kienu jpoġġuhom f'posizzjoni ta' żvantaġġ mas-sidien tal-pompi ta' Malta. Il-Qorti però hi tenuta biss li tikkunsidra t-talbiet attriċi fi sfond ġuridiku u f'dan l-isfond jirriżultaw li ma kinux sostenibbli fil-konfront tal-konvenuti Zammit;

Fil-konfront tal-Korporazzjoni konvenuta l-azzjoni ta' *indebito solutio* hija aktar manifestament insostenibbli. Infatti, f'dan ir-rigward għandu jingħad illi: "*L'azione di indebito spetta senza dubbio a colui che ha eseguito il pagamento mentre non era al medesimo tenuto ... il quasi contratto da cui deriva l'azione per ripetere l'indebito ha luogo fra quello che pago e la persona a cui si paga. Dunque i rapporti giuridici derivanti dal quasi contratto non possono estendersi a chi fu al medesimo estraneo*" (Ricci, Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol. VI, p.107). "*Il quasi contratto che sorge dall'indebito pagamento si forma tra colui che paga indebitamente e colui che riceve quanto non li è dovuto*" (Laurent, Principio di Diritto Civile, Vol. XX, p. 294);

Dan l-insenjament, li hu mogħti fil-kontest ta' sentenza li hi ferm elaborata ġurisprudenzjalment f'kawża fl-ismijiet **Carmelo Camilleri *et vs* Reverendu Vincenzo Bugeja *noe*** (Vol. XXIX, pt. II, p. 308), jissottolinea l-prinċipju li l-azzjoni ta' l-indebitu tista' tiġi biss indirizzata kontra min kien attwalment irċieva l-ħlas mhux mistħoqq. Hu paċifiku li l-

Korporazzjoni konvenuta f'dan il-każ ma rċeviet xejn aktar minn dak li kien, skond il-ftehim taht eżami, filha dovut;

Għal dawn *il-motivi*, u ukoll għall-motivi elaborati *bis-*sentenza appellata, l-appell hu miċhud u s-sentenza ta' l-Ewwel *Qorti kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ* istanzi kontra l-atturi *nomine*.